# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2001**

**Citaz.  numru:  1232/00 M2 NA**

**Maria Fenech**

**vs**

**Andrew Fenech**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-11 ta' Lulju 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, titlob illi:

1. tafda l-kura u kustodja ta' George Fenech f'idejn l-esponenti eskluzivament;

2. tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti manteniment ghal binha minuri George Fenech dik is-somma u f'dawk id-dati li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi; u

3. tordna illi l-esponenti jkollha d-dritt eskluziv li tirrisjedi fid-dar konjugali u cioe' 56, "Thank God", Winter Street, Qormi.

Ghal dan ir-rikors irrizulta illi l-konvenut ma ghamel ebda risposta. Effettivament ir-risposta li tinstab a fol. 6 tal-process hija risposta ghal rikors iehor ta' l-attrici fejn talbet, fl-atti tal-kawza, illi tigi nominata kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000 f'liema data l-attrici talbet differiment u, *in ogni caso*, il-konvenut ma kienx notifikat bl-avviz tas-smiegh. Fis-seduta tal-10 ta' April 2001 il-konvenut kien ghadu mhux notifikat u l-attrici talbet, u inghatat il-fakolta', li tinnotifikah wara l-hinijiet legali. Il-konvenut gie finalment notifikat fl-24 ta' April 2001 pero' ma deherx ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 2001. F'din is-seduta xehdet estensivament l-attrici li pprezentat ukoll zewg dokumenti. Ir-rikors gie differit ghall-1 ta' Gunju 2001 biex il-Qorti tisma' lit-tifel minuri u lill-intimat. F'din is-

seduta minkejja illi dehret id-difensur ta' l-intimat, l-intimat ma deherx. Il-Qorti ghalhekk semghet lill-minuri George Fenech u regghet semghet lill-attrici li esebit kopja tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Mejju 2000. Ir-rikors gie differit ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2001. F'din is-seduta x-xhieda moghtija fis-seduta precedenti ma kenitx fl-atti processwali. Gie ghalhekk ivverbalizzat:

> "*Dr. Robert Tufigno ghazel li jitratta minkejja illi x-xhieda moghtija fl-ahhar seduta kienet ghadha mhux inserita fl-atti processwali.*"

> "*Dr. Tanya Sciberras Camilleri invece xtaqet li din ix-xhieda tkun a disposizzjoni taghha. Giet ghalhekk miftiehem li hija kellha twiegeb ghat-trattazzjoni ta' Dr. Robert Tufigno fi zmien gimghatejn minn mindu x-xhieda w it-trattazzjoni jkunu traskritti bil-visto tal-kontro-parti li jkollu gimghatejn zmien ghar-risposta.*"

It-trattazzjoni in iskritt ma saritx minkejja illi z-zmien moghti kien lahaq ghadda fil-gurnata li sejjer jinghata dan id-digriet u ghalhekk dan il-provvediment sejjer jinghata fuq il-provi mressqa.

Ikkunsidrat:-

Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba sa meta jkun inghata dan id-digriet it-tifel minuri jkun wasal biex kwazi jsir maggorenni.

Ghaz-zmien ta' minorita' li fadallu, pero', il-Qorti wara li semghet lill-istess minuri w accertat li, bhala fatt, qed jigi kkurat biss minn ommu u mhux ukoll minn missieru, tilqa' t-talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri George Fenech esklussivament f'idejn ommu, l-attrici rikorrenti.

In kwantu ghat-tieni talba filwaqt illi huwa minnu li jirrizulta illi l-minuri ghandu *job part-time* mar-ragel ta' ohtu f'hanut taz-zraben huwa minnu wkoll illi s-Sekond'Awla ma kenitx ordnat li jithallsu alimenti ghall-istess minuri peress illi "*l-intimat ghandu jahseb ghall-manteniment tal-minuri*" (Digriet Sekond'Awla 30/5/01). Jirrizulta mill-provi li dan ma sarx u ghalhekk il-Qorti tordna illi mill-1 ta' Awissu 2001 sakemm it-tifel jaghlaq it-18-il sena l-konvenut/intimat ghandu jivversa lill-attrici s-somma ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fix-xahar ghall-minuri oltre l-alimenti lilha pagabbli.

Fadal ghalhekk biss biex tigi deciza t-tielet talba. F'materja ta' din in-natura din il-Qorti dejjem qaghdet ferm attenta ta' meta u kif ghandha taghti din l-ordni. Minkejja illi l-interess ta' xi minuri li jista' jkun hemm qed tabita fid-dar matrimonjali huwa fattur ta' certu rilevanza fil-materja, l-interess tal-minuri mhuwiex l-unika konsiderazzjoni li ghandha twassal lill-Qorti

ghal provvedimenti simili stante illi, kif huwa wkoll rikonoxxut f'gurisdizzjonijiet ta' pajjizi ohra, f'dan il-kaz hemm ukoll l-interess tal-persuna li tkun tista' tigi zgumbrata. Mill-banda l-ohra, apparti mill-kazijiet ovvji ta' vjolenza fizika ripetuta ta' parti fuq l-ohra jew fuq il-minuri jew f'kazijiet ta' korruzzjoni ta' l-istess minuri din il-Qorti ma ezitatx milli tapplika din il-mizura fejn dehrilha illi koppja verament ma setghetx tkompli tghix fl-istess dar u fejn ghalhekk l-interess ta' din il-koppja u dik tal-minuri kienet tirrikjedi li din il-mizura tigi applikata u dana partikolarment fejn kien hemm dar ta' abitazzjoni ohra li setghet, anke b'xi miljoramenti, isservi ta' abitazzjoni ghall-parti l-ohra (ara fil-kuntest tal-principji kollha fuq imsemmija "Mallia vs Mallia" - 14/10/98; "Chircop vs Chircop" - 6/11/97; u "Grech vs Grech" - 1/2/99).

Il-Qorti jidhrilha illi c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz ghandhom iwassluha li tilqa' wkoll it-tielet talba u tordna li l-attrici/rikorrenti jkollha d-dritt esklussiv, mal-minuri, li tirrisjedi fid-dar konjugali u cioe' 56, "Thank God", Winter Street, Qormi u li ghalhekk il-konvenut ghandu johrog mill-istess dar fl-ahhar ta' din is-sena 2001, liema perjodu ghandu jkun sufficjenti ghalih biex jew jirranga r-razzett li ghandu hdejn il-farm jew isib akkomodazzjoni ohra.

L-ispejjez huma rizervati ghas-sentenza finali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.